MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

**Illum 4 ta' Ottubru, 2016**

Rikors Numru 176/2016 LM

**Joseph Zerafa (ID No 290475M) u**
**Ċensina Zerafa (ID No 59579M)**

**vs.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Joseph Zerafa u Ċensina Zerafa** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti" ippreżentat fl-4 ta' Marzu, 2016, li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti ġew arrestati u affaċċjaw akkużi kriminali fl-elfejn u sitta (2006);*

2. *Illi fis-sittax ta' Mejju, elfejn u sitta (2006) [Dok. A] u liema pubblikazzjoni saret fl-ewwel (1) ta' Ġunju, elfejn u sitta (2006), kopja ta' liema tinsab annessa u mmarkata bħala Dok.B, il-Qorti ordnat l-iffriżar tal-assi kollha tal-esponenti;*

3. *Illi permezz tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-ħmistax (15) ta' Diċembru, elfejn u ħmistax (2015) [vide kopja tas-sentenza annessa u mmarkata bħala Dok. C], l-appell tal-esponenti ma ġiex milqugħ fl-intier tiegħu u għaldaqstant l-assi kollha tal-esponenti baqgħu ffriżati u kkonfiskati, hekk kif kien mitlub mill-ewwel sentenza liema sentenza tal-Qorti Kriminali datata tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar, elfejn u għaxra (2010) annessa hawn ukoll u mmarkata bħala Dok. D;*

4. *Illi l-assi ifffiżati jinkludu*

   i. *l-propjetà mezzanin li jinsab fi Triq ix-Xerriek liema triq hi ġdida u li tiżbokka fi Triq il-Kunċizzjoni, Marsaxlokk;*

   ii. *parti minn erbgħa tal-fond li jinsab in parti fil-pjan terren u in parti fis-sular soprann bin-numru mija u tlieta u tletin (133), f'Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk;*

   iii. *parti minn erbgħa ta' porzjon diviża ta' art immarkata bħala plot numru tlieta (3) formanti parti mir-razzett bla numru, li jinsab fi Triq Giulino Maniscalco, Marsaxlokk, tal-kejl superfiċjali ta' ċirka sebgħa u għoxrin metri kwadri (27 m.k.), jew kejl verjuri, u li tmiss mix-Xlokk ma' passaġġ komuni, u mill-irjieħ l-oħra ma' beni tal-aħwa Seychell;*

   iv. *il-garaxx internament numerat disgħa (9) li jinsab f'drive in privata f'lower level, liema drive in hi bla numru u bla isem formanti parti minn kumpless akbar, bla numru u jismu Byview f'Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, kantuniera ma' Triq Lepanto f'Marsaxlokk;*

5. *Illi kif ser jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-propjetà inkwistjoni mhijiex ġejja minn profitti jew azzjoni illeċita da parti tal-esponent jew b'xi mod marbuta mal-illegalità li nstabu ħatja dwarha u li għaliha Joseph Zerafa għadu qiegħed*

*jiskonta sentenza ta' priġunerija u li filwaqt Ċensina Zerafa skontat is-sentenza tagħha, għax kif jirriżulta mill-kuntratti ta' donazzjoni u liema kuntratti huma insinwati, din il-propjetà, apparti l-garaxx imsemmi, kollha ngħatat lill-esponenti Joseph Zerafa minn missieru u ommu qabel ġew intavolati proċeduri kriminali kontra l-esponenti [Dok. E];*

6. *Illi l-garaxx inkwistjoni [Dok. F] ukoll mhux provenjent ta' xi att illegali jew illeċitu għaliex Joseph Zerafa u martu Ċensina kienu żżewġu fl-elfejn u wieħed (2001) u kienu xtraw dan il-garaxx fl-istess sena u ċioè fl-elfejn u wieħed (2001) mill-flus li kienu qalgħu bħala rigal forma ta' flus fit-tieġ, hekk kif ser jiġi ppruvat fil-kawża;*

7. *Illi din il-kawża ġiet intavolata abbażi tal-artikolu tnejn u għoxrin Ċ (22Ċ) tal-Kap. 101;*

8. *Illi din il-propjetà hi l-uniku assi li fadlilhom l-esponenti u speċjalment l-esponenti Joseph Zerafa stante illi d-donazzjonijiet saru kollha lilu u li b'din il-proprjetà l-esponenti speċjalment Joseph Zerafa jistgħu jgħinu lil binhom il-minuri ta' ħmistax (15) -il sena fejn f'każ illi jsir il-bejgħ tal-imsemmija proprjetà jew parti minnha, l-istess minuri jkun jista' jgħix aħjar mir-rikavat tal-bejgħ.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, minkejja dak li hemm ordnat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata ħmistax (15) ta' Diċembru, elfejn u ħmistax (2015), fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta kontra Joseph Zerafa et, tordna r-rilaxx favur tal-esponenti tal-propjetà kollha msemmrja u indikata hawn fuq.*

Rat ir-Risposta tal-**Kummissarju tal-Pulizija** (minn issa 'l quddiem "l-intimat") ippreżentata fit-18 ta' Marzu, 2016, li wieġeb:

*1. Illi l-esponent jirrileva li l-prova tal-provenjenza leċita tal-proprjetà indikata fir-rikors u l-akkwist leċitu tagħha tispetta lir-rikorrenti;*

*2. Illi għaldaqstant ir-rikorrenti għandhom jippreżentaw il-kuntratti tad-donazzjoni u tal-akkwist tal-proprjetà msemmija u kwalunkwe dokumentazzjoni oħra li jkunu jistgħu jipproduċi kif kellhom jagħmlu ai termini tal-artikolu 22Ċ(3) tal-Kap 101;*

*3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri wara li l-esponent ikollu l-opportunità li jikkontrolla l-provi tar-rikorrent.*

Rat d-dokumenti inklużi l-kuntratti u Noti tal-Insinwa ppreżentati mir-rikorrenti.

Rat l-affidavits tar-rikorrenti u ta' xhieda prodotti minnhom li xehdu dwar il-provenjenza tal-proprjetà mertu ta' din il-kawża.

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Ġunju, 2016 l-intimat stqarr li m'għandux provi xi jressaq u rrimetta ruħu għall-provi li jinsabu in atti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Ġunju, 2016 fejn il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi skont Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi:

> "(3A) Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet ħatja ikun xi wieħed mir-reati msemmija fl-Artikolu 24A(1) il-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena oħra, fis-sentenza tagħha jew f'kull żmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni –
>
> …
>
> (d) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli oħra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba ħatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-ħati jkun ġie akkużat tkun għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta.".

Illi skont l-Artikolu 22(ċ) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta:

> "22Ċ. (1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska taħt l-Artikolu 22(3A)(d), il-persuna misjuba ħatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul mill-għemil ta' xi reat taħt din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aġġudikat minn qorti tal-ġustizzja kriminali) lanqas proprjetà akkwistata jew profitti jew dħul bħal dawk."

Illi jirriżulta li r-rikorrenti ġiebu provi biżżejjed biex jippruvaw li l-proprjetà msemmija fir-rikors promotur għandha provenjenza leġittima:

(i) il-mezzanin fi Triq ix-Xerriek fi triq ġdida bla isem li tisbokka fi Triq il-Kunċizzjoni, Marsaxlokk. Dan ġie akkwistat b'donazzjoni mill-ġenituri tal-attur b'kuntratt tan-Nutar Tonio Spiteri tad-19.05.1998. Ġiet esebita Nota ta' Insinwa numru 7774/98 (fol 8). Il-ġenituri kienu xtrawh imbagħad tawh lir-rikorrent billi kien se jiżżewweġ u ħut l-attur ma riduhx. Din il-proprjetà hija l-post ta' abitazzjoni tar-rikorrenti u binhom;

(ii) terz (1/3) ta’ kwart (1/4) tal-fond numru 133, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk. Dan ġie akkwistat b’donazzjoni tal-ġenituri tar-rikorrent lilu u liż-żewġ ħutu l-oħrajn b’kuntratt tan-Nutar Tonio Spiteri tad-27.02.2001 (fol. 51). Ir-rikorrenti esebew Nota ta’ Insinwa numru 3848 (fol. 9) ikkonfermat b’affidavit tar-rikorrent;

(iii) terz (1/3) ta’ kwart (1/4) indiviż ta’ plott numru 3 formanti parti minn razzett bla numru fi Triq Giulino Maniscalco, Marsaxlokk, akkwistat b’donazzjoni mill-ġenituri tar-rikorrent b’kuntratt tan-Nutar Tonio Spiteri tad-27.02.2001. Ir-rikorrenti esebew Nota ta’ Insinwa numru 3848/2001 (fol. 9). Id-donazzjoni kienet saret favur ir-rikorrent u ż-żewġ ħutu l-oħrajn. Missier ir-rikorrent kien wiret il-proprjetà mingħand ommu;

(iv) Il-garaxx internament numerat 9 fil-kumpless Byview, Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, kantuniera ma’ Triq Lepanto, Marsaxlokk. Dan ġie mixtri b’kuntratt tan-Nutar Tonio Spiteri tat-08.05.2001 (kopja tal-kuntratt a fol. 72) bi flus akkwistati bħala rigal tat-tieġ. Ġiet esebita Nota ta’ Insinwa numru 10304/20001 (fol. 10). L-atturi żżewwġu fl-24.02.2001 (att taz-żwieġ a fol. 65)

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant din il-Qorti, minkejja dak li hemm ordnat fis-sentenza tal-Appell Kriminali tal-15 ta’ Diċembru, 2013 fl-ismijiet “Ir-Repubblika ta’ Malta kontra Joseph Zerafa et.”,**

1. **tiddikjara li mill-proprjetà immobbli hekk konfiskata, il-proprjetajiet li sar riferiment għalihom fir-rikors promotur ma ġewx akkwistati minn profitti jew dħul mill-għemil ta' xi reat taħt il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. **tordna b'effett immedjat li l-imsemmija proprjetajiet ma jibqgħux konfiskati u li jintraddu lura lir-rikorrenti.**

**Spejjeż a kariku tar-rikorrenti.**

Moqrija